**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Artikoli 293, 294 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**DIANA DEGABRIELE**
**(I.D. 67186M)**

**Illum, 22 ta' Marzu 2017**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **DIANA DEGABRIELE** ta' tlieta w ghoxrin (23) sena, mart Rachid El Khiate, bint Peter u Marianna nee' Camilleri, imwielda Pieta' fl-20 ta' Jannar 1986 u toqghod 18, Triq Miggiani, Hamrun u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 67186(M), tressqet quddiemha akkuzata talli :

F'Novembru 2009 u fix-xhur ta' qabel f'dan il-gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti

immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew bizgha dwar grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ Intercomp Marketing Ltd, ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprjat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta’ Intercomp Marketing Ltd., ai termini tal-Art. 293 u 294 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hajtra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti esebiti cioe’ fedina penali, estratt mill-att tat-twelid tal-imputata u kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, stqarrija tal-imputata u statement mahruga minn Intercomp.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar il-21 ta’ April, 2014 permezz ta’ digriet ta’ Assenjazzjoni mill-Prim Imhallef b’mod temporanju u b’digriet iehor tal-Prim Imhallef tal-20 ta’ Novembru 2016 sabiex din il-kawza tibqa’ tinstema’ minnha b’mod permanenti.

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha waqt is-seduta tat-22 ta’ Marzu 2017 u dana fil-presenza tal-avukat difensur taghha, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex jekk riedet, setghat terga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghha ghall-akkuzi kollha giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-22 ta' Marzu 2017.

Semghet lil Melanie Bugeja, in rapprezentanza tas-socjeta' Intercomp tiddikjara li l-ammont dovut lis-socjeta' Intercomp huwa elf, hames mija u disgha u erbghin ewro (€1,549).

Rat li l-imputata seduta stante ghaddiet is-somma ta' hames mitt ewro lil Melanie Bugeja fejn Bugeja ddikjarat li rceviethom.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ghalhekk il-bilanc ta' elf u disgha u erbghin ewro (€1,049).

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 293, 294 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputata DIANA DEGABRIELE hatja tal-akkuzi u tpoggiha taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tliet snin mil-lum skond id-digriet anness ai temini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta Malta.**

**Inoltre tordna li kopja ta' din is-sentenza tinbghat lid-Direttur tal-Probation u Parole sabiex jigu nominat kandidat idoneu biex isegwi lill-imputata probationer.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
(bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

# ORDNI TA' PROBATION

*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat: Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Illum: 22 ta' Marzu 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**DIANA DEGABRIELE**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, DIANA DEGABRIELE gie misjuba hatja kif imfisser fl-istess sentenza u giet mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation*;

Wara li fissret lill-hatja bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk tonqos li thares din l-Ordni jew taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn mil-lum, tkun tista' tigi kkundannata ghar-reat li ghalih qieghda tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hatja uriet li trid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Ghalhekk **tordna** li l-hatja DIANA DEGABRIELE li toqghod 80, Triq San Frangisk, Bormla detentrici tal-karta tal-identita' numru 67186M tkun ghal perjodu ta' sentejn mil-lum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hatja ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficcjal tal-*probation* mahtur lilha.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandhu/a j/tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hatja, kull sitt xhur.

3. Il-hatja ghandha tavza immedjatament lill-ufficcjal tal-probation b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha.

4. Li ghandha zzomm ruhha f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li taghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li hija ghandha, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid/trid, tircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li l-hatja thallas is-somma ta' elf u tmenin ewro (€1,080) bhala kumpens lill-vittma s-socjeta' Intercomp Ltd liema somma ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u erbghin ewro (€45), b'ewwel pagament isir mhux aktar tard mit-22 ta' April 2017.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-*Probation u Parole* ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

……………………………………

(firma tal-persuna mqeghda
taht probation)

……………………………………..

D../Registratur